**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 324/21 AL

AB

Vs

CB

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elf disa` mija, sebgha u sebghin (1977) (Dok. 'A').
2. Miz-zwieg tal-kontendenti tnisslu zewg (2) ulied – D u E ahwa B, illi twieldu D 24.02.1979 u E 22.01.1981.
3. Il-kontendenti nfirdu personalment in forza ta' att pubbliku li jgib id-data tat-tielet gurnata ta' Gunju tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993), in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soloer (Dok. B);
4. B'hekk, illum il-kontendenti ilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn erba` (4) snin.
5. Ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin.

6. Fir-rispett tal-hlas tar-retta alimentari pattwita fit-termini ta' klawsola numru disgha (9) tal-kuntratt surriferit, l-esponenti jiddikjara li tali dejjem gie sodisfatt u minn issa 'l quddiem il-partijiet qablu li mhux ser tithallas retta versu l-intimata B ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar;
7. Ghaldaqstant, ir-rekwiziti impost mill-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta jinstabu ampjament sodisfatti.
8. Il-kontendenti huma domiciljati Malta u dejjem kienu ordinarjament resident gewwa Malta.
9. L-esponent qieghed jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-gurament tieghu.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien minnha stabbilit, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru, 2021;

Semghet lil Dr. Rachael Bonello ghall-intimata tiddikjara li ma topponiex it-talbiet purche` li l-manteniment jithallas skont l-kuntratt korrettorju fl-atti tan-Nutar Lisa Schembri li jgib id-data tal-15 ta' Marzu 2018.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Gunju, 1993;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.